MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2005

Numru. 183/2005

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**
**Mansour Moktr Hamid Hamied**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mansour Moktr Hamid Hamied ta' 29 sena iben Moktar u Asha nee Hamied mwieled fil-Libja nhar il-5 ta' Frar 1975, li joqghod fil-fond 'Merhba', 43, Triq il-Qajjenza, Birzebbugia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 24595A**

**Akkuzat talli**

**1. Fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Dicembru 2004, f'San Pawl il-Bahar ikkommetta serq tal-hi-fi minn vettura**

**bin-numru tar-registrazzjoni LAE 189 ghad-dannu ta' Stephen Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;**

**2. u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg hadd iehor mobbli jew immobbli u cjoe` ghamel hsara fil-vettura LAE 189 liema hsara tammonta mhux aktar minn hamsin lira Maltija (Lm50);**

**3. u aktar talli fil-15 ta' Jannar 2005 xjentement xtara/laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun dahal f'dawn il-Gzejjer biex ibighhom jew imexxihom liema oggetti huma gejjin minn serq kwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li ma jeccedux l-elf lira Maltin;**

**4. u aktar talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru 2003, li hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat l-1 ta' Marzu 2005, biex dawn il-proceduri jkunu jistghu jsiru bi procedura sommarja;**

**Il-kunsens ta' l-imputat biex il-procedura tkun sommarja moghti fit-8 ta' Gunju 2005 ghall-liema kunsens huwa nghata hin bizzejjed biex jahsibha;**

**Il-verbal tat-8 ta' Gunju 2005 li fih il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li t-tielet imputazzjoni hija biss alternattiva ghall-ewwel wahda; u f'dan l-istess verbal il-Prosekuzzjoni irtirat ir-raba' mputazzjoni minhabba li kien ghadda z-zmien operattiv;**

**in-Nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti li biha kien konstatat li l-ammont ta' hsara kien ta' ghoxrin lira**

**Maltija (Lm20) u liema somma kienet imhallsa lil min sofra d-dannu;**

**L-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat fit-8 ta' Gunju 2005 ghall-liema ammissjoni huwa nghata bizzejjed zmien biex jahsibha;**

**Ikkunsidrat**

**Li gialadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontra tieghu, dawn kienu ppruvati skond ma trid il-ligi.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (b), 261 (b) (c) (f) (g), 263 267 270, 271 (g) u 278 (3) tal-Kap. 9, ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, qed tilliberah mit-tielet li kienet biss alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni waqt li mhix tiehu konjizzjoni tar-raba` gialadarba din kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali fejn fis-17 ta' Frar 2005 kien ikkundannat ghal reat li sehh fit-3 ta' Frar 2005, jigifieri, reat li sehh wara dak indikat fic-citazzjoni odjerna. Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mal-ewwel ta' l-imputat kif ukoll li l-hsara kienet minima u thallset. Ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli precedenti kif ukoll l-artikolu 28° tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal hmistax-il (15) xahar prigunerija li ser ikunu sospizi ghal tliet (3) snin mid-data ta' llum. Il-Qorti fehmet lill-imputat x'inhuma l-implikazzjonijiet jekk huwa jaghmel reat iehor fiz-zmien meta s-sentenza tkun sospiza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------